# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 315/2014/VG**

**GasanMamo Insurance Limited [C-3143]**

**vs**

1. **Michael SAMMUT**
2. **Joseph CARDONA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati ihallsuha s-somma ta' elf hames mija sebgha u sittin euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro [€1567.52] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenuti jew minn minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' €1567.52 dana in kwantu ghas-somma ta' €1217.52 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' €350.00 lill-attur Philip Cassar rappresentanti danni li sofrew meta fil-15 ta' Awwissu, 2013 gewwa San Pawl il-Bahar il-konvenuti jew minn minnhom waqt li kienu qed jiggieldu ghamlu hsara fuq il-vetturi numru VWR-500 u FIL-600 proprjeta ta' Philip Cassar.
>
> Dan l-incident huma ghalih unikament responsabbli l-konvenuti jew minn minnhom.
>
> Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 25 ta' Frar 2013 u ta' Mandat ta' Sekwestru Numru ….Ipprezentat kontestwalment ma' din it-Talba kontra l-konvenuti, bl-imghaxijiet mid-data ta' din l-istess ittra ufficjali kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat Michael Sammut** minnu mressqa fis-6 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. ILLI fl-ewwel lok l-ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba attrici fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, b'sentenza tal-11 ta' Frar tas-sena 2014 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-konvenut Michael Sammut ma nstabx hati li kkaguna l-hsara fil-vetturi fl-allegat incident msemmi fit-talba attrici".

Ra **r-risposta tal-intimat Joseph Cardona** minnu mressqa fid-9 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi dan it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni u l-kompetenza rationae materiae sabiex jiehu konjizzjoni u jiddetermina l-kawza fl-ismijiet premessi u dana ai termini tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-raba Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387).

2. Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenut Joseph Cardona ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal tad-29 ta' April, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallashom is-somma komplessiva ta' elf hames mija u sebgha u sittin euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro (€1,567.52c) u dan in kwantu ghas-somma ta' €1217.52 lis-socjeta rikorrenti assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' €350 lir-rikorrenti Philip Cassar rappresentanti danni li sofrew meta fil-15 ta' Awwissu, 2013 gewwa San Pawl il-Bahar l-intimati jew min minnhom waqt li kienu qed jiggieldu ghamlu hsara fuq il-vetturi numru VWR-500 u FIL-600 proprjeta tar-rikorrenti Philip Cassar. Ir-rikorrenti sostnew li dan l-incident sehh tort tal-intimati jew min minnhom. L-intimat Michael Sammut da parti tieghu qal li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-ebda ammont ma huwa dovut lilhom. Zied ighid li b'sentenza tal-11 ta' Frar tas-sena 2014 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) huwa ma nstabx hati li kkaguna l-hsara fil-vetturi fl-allegat incident msemmi mir-rikorrenti. Da parti tieghu l-intimat Joseph Cardona qal li dan it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni u l-kompetenza rationae materiae sabiex jiehu konjizzjoni u konsegwentement jiddetermina din it-Talba u dana ai termini tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-raba Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap.

387). Fil-mertu huwa qal li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement it-Talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Ikkunsidra;

2. L-ewwel u qabel kollox ghandha tigi deciza l-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae tat-Tribunal. F'dan ir-rigward, id-difensur ta' l-intimat Joseph Cardona, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014 irtirat din l-eccezzjoni preliminari. Maghdud dan, nafu li anke jekk il-partijiet jaqblu li Tribunal ghandu l-kompetenza rationae materiae sabiex jiddeciedi kaz li jkollu quddiemu, huwa xorta wahda ghandu janalizza din il-kwistjoni u jiddeterminaha l-ghaliex tali eccezzjoni, li hija ta' ordni pubbliku, tista titqajjem minnu ex officio. Inghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[1]. *Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[2] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[3]. It-Tribunal, a skans ta' ripetizzjoni, jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited (C5601) et vs Bonavia Brothers Company Limited (C-16453) et** deciza fit-8 ta' Jannar, 2014 (Talba Nru. 310/12/VG) u ghal gurisprudenza hemm citata. F'dik is-sentenza, dan it-Tribunal, wara li kien analizza s-sentenzi tal-Qrati nostrani kien wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

"*Minn qari tal-gurisprudenza fuq riportata t-Tribunal jasal ghas-segwenti konklużjoni:*

*i.* ***<u>Il-kawża ta' l-incident awtomobilistiku x'kien?</u>*** *Jekk il-kawża ta' l-incident ma jkunx is-sewqan allura wiehed jista jghid li l-kawża ghal tali inċident ma hijiex relatata mas-sewqan. Konsegwentement meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan, allura jkunu kompetenti l-Qrati Ordinarji.*

ii. ***<u>Il-kawża ta' l-incident awtomobilistiku x'kien?</u>*** *Meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa relatat mas-sewqan, allura dak l-incident ikun relatat mas-sewqan u b'hekk ikun ic-Centru Malti ghall-Arbitragg li jkun kompetenti*".

---

[1] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[2] Vol. XXIX pII p468

[3] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

3. F'dan il-kaz l-allegat incident, ghalkemm sehh fuq zewg vetturi proprjeta tar-rikorrenti, ma kienx is-sewqan, izda l-konsegwenza ta' allegata glieda li sehhet bejn l-intimati u li fiha, dawn iz-zewg vetturi sfaw milquta u konsegwentement garrbu l-hsara. Ghalhekk, it-Tribunal ghandu l-kompetenza rationae materiae skond il-ligi biex jiddeciedi l-kaz.

Ikkunsidra;

4. Is-Surgent tal-Pulizija 1300 Julian Fenech qal li fil-15 ta' Awwissu, 2013 huwa kien gie nfurmat li fil-garaxx tal-fond "Belvedere Residence", fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar kien hemm argument u kien mar fuq il-post fejn sab lill-intimati odjerni. Qal li Joseph Cardona kien garrab griehi ta' natura gravi. L-intimat l-iehor Michael Sammut kien spicca tressaq il-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati kawza ta' din il-glieda. Sussegwentement, huwa gie nfurmat mir-rikorrenti li zewg vetturi li kellhu fil-garaxx fejn kienet sehh l-argument kienu garbu xi hsarat. Qal li kien sab xi ghaffiesi fuq il-vetturi tieghu bid-demm maghhom. Meta huwa kellem lill-intimati, dawn ikkonfermaw li aktar kmieni kienu marru jghoddsu flimkien u li wara l-intimat Cardona kien stieden lill-intimat Sammut sabiex imur jiekol ghandu. Hekk kif waslu fil-garaxx li jinsab taht l-appartament ta' Cardona li jinsab f' "Belvedere Residence", fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, inqala argument bejniethom u intuza ukoll *weight belt* tad-*diving*. F'dan l-argument l-intimat Cardona kien sofra xi griehi filwaqt li l-intimat Sammut ma kien gralu xejn. Skond ma qal l-intimat Cardona, *a tempo vergine*, l-intimat Sammut kien mar fejn il-vettura ta' Cardona u ghamillu xi hsarat fiha. L-intimat Sammut kien sahansitra qabad ic-cinturin imsemmi biex jitfaw lil intimat Cardona. Qal ukoll li Cardona kien qallu li Sammut tant kien aggressiv li beda jwaddab l-apparat tad-*diving* tieghu (ta' Cardona) ma' l-art bil-konsegwenza li dan l-apparat tkisser. In kontro-ezami, s-Surgent qal li dak-in-nhar li mar biex jinvestiga l-incident, huwa kien ra diversi vetturi pparkeggjati, izda huwa ma qadx jivverifika jekk kienitx grat hsara fuq il-vetturi l-ohra l-ghaliex hadd ma indikalu li kienet gratilhom hsara. Huwa kien ivverifika biss il-hsara li kienet garbet il-vettura ta' l-intimat Cardona ghax dik kienet giet indikata lilu.

5. Ir-rikorrenti Philip Cassar qal li z-zewg vetturi bil-pjanci ta' registrazzjoni VWR500 u FIL600 huma proprjeta tieghu. Qal li huwa ghandu zewg *car spaces* fil-garaxx li jinsab taht l-appartament tieghu li jinsab fil-blokka Belvedere Residence, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Qal li dawn il-vetturi huma registrati fuq ismu u kienu jinsabu assigurati mas-socjeta rikorrenti. B'konsegwenza tal-hsara li garbu l-vetturi tieghu, huwa kien hallas is-somma ta' €350 bhala excess u kien ircieva l-hlas ghal hsarat li kienu garrbu l-imsemmija vetturi. L-ghada li kienu garbu l-hsarat il-vetturi tieghu, huwa kien nizel fil-garaxx u sab lil intimat Joseph Cardona li talbu bicca ghodda. Huma mar biex igib din l-ghodda u x'hin ghadda min fejn il-vetturi tieghu

huwa ra li kien hem id-demm maghhom kif ukoll mal-hajt. Qal li dak il-hin huwa staqsa lil intimat Cardona x'kien gara, anke l-ghaliex kien ralu rasu infaxxata. Stqarr li l-intimat Cardona kien qallu li kienet sehhet glieda bejnu u bejn l-intimat l-iehor u li fiha ntuzat chump tad-diving. Huwa qallu immedjatament li l-vetturi tieghu kienu garbu l-hsarat u l-intimat Cardona qallu sabiex imur jaghmel rapport hekk kif effettivament ghamel. Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kienx prezenti ghal glieda, huwa wiegeb fin-negattiv. Il-*car spaces* tieghu, kompla jghid ir-rikorrenti huma fissi u jinsabu fuq il-parti ta' wara tal-garaxx li jesa madwar ghaxar vetturi. Ir-rikorrenti qal ukoll li meta kien ha l-vetturi tieghu l-Ghassa tal-Pulizija biex l-intimati jkunu jistghu jispezzjonawhom, "*Sammut kien qalli, li jiena qieghed naghraf prezenti fl-Awla llum, kien qalli li huwa kien lest li jsewwili l-hsarat. L-intimat Cardona ma qal xejn kull ma qalli qalli "*Arak if tirrangaw*'*" (fol. 54). Ir-rikorrenti kien qallhom li huwa kien ghamel il-*claim* mas-socjeta rikorrenti u li huma kellhom jirrangaw mal-assigurazzjoni.

6. L-intimat Joseph Cardona qal li huwa dak-in-nhar tal-glieda huwa u l-intimat l-iehor Michael Sammut kienu qeghdin jghoddsu flimkien. Kienu xorbu ukoll. Stqarr li "*X'hin wasalna lura kif diga kellna ma konniex gravi bhala xorb pero nghid li konna xi ftit xurbana*" (fol. 56). Ghal ewwel kien qal lil intimat Sammut biex jitla ghandu pero, peress li dan Sammut kien xi ftit xurban u peress li huwa kellu t-tfal fl-appartament tieghu, huwa qallu li kien ahjar li ma jmurx ghandu f'dak l-istat. Kien minhabba f'hekk li inqala l-inkwiet u gew fl-idejn. Qal li l-glieda sehhet fejn il-*car space* tieghu li jinsab fejn il-lift. Zied ighid li "*bejn il-lift u l-vetturi tar-rikorrenti Cassar hemm madwar hamsa u hamsin pied*" (fol. 56). Stqarr li "*jiena pruvajt nitlaq minn din il-konfrontazzjoni u fil-fatt qbadt it-triq lejn il-gate biex nohrog minn gol-garaxx halli ma nibqax hemmhekk. Il-gate hija n-naha l-ohra u cioe fin-naha opposta ta' fejn hemm il-vetturi tar-rikorrenti Cassar*" (fol. 56). F'din il-glieda, kompla jghid l-intimat Cardona, "*l-intimat Sammut waddabbli c-cinturin tal-weights li konna qeghdin nuzaw ahna ftit aktar qabel fuq id-dghajsa peress li morna nghozzu. Laqatni u kelli naghmel xi punti fuq rasi*" (fol. 56). Hareg min gol-grada, tela' fl-appartament tieghu u martu cemplet lill-ambulanza u lill-pulizija. L-intimat ikkonferma li huwa kien talab bicca ghodda minghand ir-rikorrenti l-ghada tal-incident izda qal li huwa ma kellu l-ebda faxxa ma rasu ghajr ghal tlett punti fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Fis-17 ta' Awwissu imbaghad huwa kien mar ghand l-Ispettur dwar il-glieda li kienet sehhet bejnu u bejn l-intimat Sammut. Wara li kien telaq mill-Ghassa tal-Pulizija, kompla jghid l-intimat, kien cempillu r-rikorrenti Cassar u kien qallu li fil-vettura tieghu tat-tip Volkswagon Touareg huwa kien sab xi grif kif ukoll ticpis tad-demm. X'hin kien fil-garaxx huwa staqsa lir-rikorrenti sabiex jurih id-daqqiet li kien qieghed ighid li garbet il-vettura tieghu u huwa kien ra xi grif pero ma kienx ra ghaffisi jew daqqiet. Huwa qal li kien offra lir-rikorrenti sabiex jghamillu xi polish fuq il-grif pero dan ghamlu "*… minghajr ma kelli bzonn ghalfejn naghmlu l-ghaliex ma kelliex ghalfejn pero kif diga ghidt huwa gar tieghi u offrejt minn qalbi*" (fol. 57). Xi gimghatejn wara kienu baghtu ghalih mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Mieghu kien hemm l-intimat l-iehor Sammut. X'hin kienu hemm, huwa staqsa lil Sammut "*jiftakarx jekk kienx gara xi haga mal-vetturi xi vetturi ohra u lili l-intimat Sammut*

*assikurani li ma kien hemm l-ebda vettura ohra nvoluta*" (fol. 57). Kompla jghid li peress li Sammut kien ghamel numru ta' snin fuq panel beating u car spraying huwa kien qallu biex jara xi hsara kellu r-rikorrenti Cassar u b'hekk jevitaw li jaghmel claim mal-assikurazzjoni. L-intimat Sammut qabel ma din il-proposta u sussegwentement marru jaraw il-vetturi tar-rikorrenti u dak-in-nhar l-"*intimat Sammut lir-rikorrenti Cassar kien offrilu sabiex jaghmel ix-xoghol ta' tiswijiet u b'rispett tieghi*" (fol. 58). L-intimat Cardona sahaq li "*kif diga ghidt jiena u r-rikorrenti Cassar girien u ma ridtx illi minhabba cucata li jiena u hu ma nitkellmux. Ghamiltulu, ghamiltulu b'sinjal ta' hbiberija din l-offerta jiena li l-intimat Sammut jaghmillu x-xoghol ta' buffing u li jintuza t-T Cut cioe l-polish ghal fuq dawn il-hsarat*" (fol. 58). Ir-rikorrenti pero ma kienx accetta l-ghaliex dak iz-zmien kien hemm l-assikurazzjoni involuta. In kontro-ezami qal li meta kien waddablu c-cinturin l-intimat Sammut, dan kien itghaqqad mal-grada. Dan ic-cinturin kien jizen madwar tmien kilos u li kieku laqghat vettura dan ma kienx ser jigref il-vettura izda "*jifqa*" (fol. 58). Mistoqsi mit-Tribunal kemm kien hem vetturi fil-garaxx, l-intimat Cardona qal li "*jekk mhux sejjer zball hames karozzi. Tnejn tas-Sur Cassar, wahda tieghi, wahda tal-intimat Sammut u l-ohra tal-appartament numru erbgha Ray Mifsud, jista pero jkun il-kas li kien hemm aktar*" (fol. 58).

7. L-intimat Michael Sammut qal li filwaqt li huwa kien qieghed jaqbel ma dak li xehed l-intimat l-iehor Joseph Cardona, huwa ma kienx qieghed jaqbel ma dak li qal ghar-rigward tac-cinturin tac-comb. Qal li "*... l-glieda kienet biss glieda bl-idejn*" (fol. 59). Mistoqsi kemm kienu xorbu dak-in-nhar ta' l-incident, ix-xhud qal li fuq il-bahar kienu hadu xi zewg bottijiet birra u wara li kienu rritornaw lura c-cilindri ta' l-ossigenu, marru go bar u "*... qadna noqghodu nixorbu bil-kwiet u hadna xi erba' drinks hemmhekk*" (fol. 59). Qal li waqt li kienu fil-bar kienu qeghdin jghidu kelma bejniethom u sahansitra jifthu qalbhom ma xulxin. Qal ukoll li "*pero mbaghad kelma ggib lil ohra u bdejna nillitikaw bil-kliem waqt li konna qeghdin hemmhekk fil-bar imbaghad soqna bil-vettura tal-intimat Cardona sa fejn ghandu l-garaxx hu.*" (fol. 59). X'hin waslu fejn il-grada tal-garaxx, kompla jghid, l-intimat Cardona qallu li ahjar li huwa (cioe Sammut) imur id-dar, talbu sabiex jimbuttalu l-vettura tieghu u min hem inqalghet il-glieda. Qal li kien Cardona li tah l-ewwel daqqa ta' ponn izda mbaghad huwa kompla bil-glieda. Qal li waqt li kienu qeghdin jikkustinjaw, huma dejjem baqghu fl-istess post u cioe "*... bejn il-gate tal-entrance u l-lift*" (fol. 59). Qal li l-vettura tieghu kienet ipparkeggjata fejn il-lift u li minfejn sehhet il-glieda safejn kien hemm il-vetturi tar-rikorrenti Cassar kien hemm hamsa u hamsin pied. Qal li ma kienx jidhirlu li waqt il-glieda huma kienu laqtu xi vetturi u li hsarat ma ghamlux. Stqarr li huwa ma kienx ra demm.

8. David Mifsud, *insurance surveyor* ikkonferma s-surveys maghmula minnu u li jinsabu esebiti a fol. 14 u 23 tal-process. Ikkonferma ukoll il-kontijiet tat-tiswija.

9. It-Tribunal ra ukoll id-dokumentazzjoni esebita inkluz l-atti tal-kawza Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) kontra Michael Sammut, liema kawza giet deciza mill-Qorti

tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Frar, 2014 per Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja LL.D.

Ikkunsidra ulterjorment;

10. Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Michael Sammut, l-intimat odjern, huwa kien gie liberat mit-tieni akkuza u cioe "*Talli fl-istess hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara, hassar jew gharraq jew kkawza hsara involontarja fuq vetturi VWR500, liema hsara tammonta ghal €683.04 u FIL600, liema hsara tammonta ghal €457.67 ghad-detriment ta' Philip Cassar ID:661750M*". Kien instab hati pero li kien ikkommetta ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-intimat l-iehor Joseph Cardona ghalkemm ma giet imposta l-ebda piena fuqu.

11. Kif nafu, huwa r-rikorrenti li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fit-Talba u dan a bazi tal-principju legali *ei incumbit probation qui dicit non ei qui negat*. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[4] Il-Qrati taghna pero, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata *beyond reasonable doubt*, f'kawza civili bizzejjed li jkun hem *moral certainty*, certezza morali, f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm *a mere possibility*. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espresso u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-*balance of probabilities*[5].

12. It-Tribunal ghamel referenza ghal principji hawn fuq stabbilita l-ghaliex mhux ghax qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu necessarjament ikun ifisser li t-Tribunal adit b'gurisdizzjoni civili jichad it-talba migjuba quddiemu kontra l-intimat.

13. Stabbilit dan, jirrizulta mhux kontestat li fil-15 ta' Awwissu, 2013 kienet sehhet glieda bejn l-intimati odjerni gewwa l-garaxx tal-fond residenzjali Belvedere Residence, fi Triq San Pawl gewwa San Pawl il-Bahar. Qabel ma inqalghet din il-glieda, l-intimati kienu ilhom gurnata shiha flimkien jghoddsu fuq id-daghjsa ta' l-intimat Cardona u li wara li dahlu huma marru jixorbu gewwa Bar fil-vicinanzi. Gara li ghal bidu, l-intimat Cardona kien qal lill-intimat Sammut sabiex imur ghandu d-dar wara li jlestu mill-bar izda imbaghad x'hin waslu fil-garaxx, u peress li l-intimat

---

[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar il-5 ta' Marzu, 1986 [Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXX.II.143];

[5] Ara **Zammit vs Petrococchino noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar il-25 ta' Frar, 1952 [Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXVI.I.319] u **Carmelo Borg pro et noe vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Lulju, 1981, mhux pubblikata;

Cardona dehrlu li l-intimat Sammut ma kienx f'siktu, huwa qallu li kien ikun ahjar kieku Sammut jitlaq u ma jmur xejn ghandu. Cardona dahal bil-vettura tieghu gewwa l-garaxx li kien jinsab taht l-imsemmija residenza u wassal lill-intimat l-iehor Sammut fejn il-vettura tieghu li kienet tinsab fejn il-lift li hem f'nofs da nil-garaxx. X'hin nizlu mill-vettura ta' Cardona inqalghet glieda. F'din il-glieda, ghalkemm Cardona ta xi daqqiet bil-ponn lil Sammut, kien Sammut l-iktar li ta lil Cardona tant li dan kellu jaghmel il-punti f'rasu. Irrizulta ukoll, u dan skond ma stqarr *a tempo vergine* l-intimat Joseph Cardona li l-intimat Michael Sammut waqt il-glieda qabad l-*weight belt* tad-*diving* u tefghu fid-direzzjoni ta' l-imsemmi Cardona u li dan Sammut "*... beda jwaddab l-apparat tad-diving ta' Joseph Cardona ma' l-art bil-konsegwenza li xi appart minnhom nkiser*" (fol. 45). L-ghada li sehh dan l-incident, ir-rikorrenti Philip Cassar nizel fil-garaxx u ra lil intimat Cardona u wara li dan ta' l-ahhar talbu xi bicca ghodda l-ghaliex il-bieba tal-vettura tieghu ma kienitx qeghda tiftah, huwa staqsih x'kien gara ghax ralu xi feriti f'rasu. Kien hawn li r-rikorrenti Philip Cassar induna li z-zewg vetturi tieghu li kellu fil-garaxx kellhom xi hsarat. Cassar qal b'dan il-fatt lil Cardona u dan ta' l-ahhar qallu biex imur jaghmel rapport lil pulizija.

14. Ghalhekk, ir-rikorrenti jehtigielhom juru li kawza tal-glieda li sehhet bejn l-intimati, l-vetturi tar-rikorrenti Cassar garbu hsarat. Fin-nuqqas ta' dan in-ness, it-Tribunal, a bazi tal-principji fuq enuncjati jkollu jichad it-Talba taghhom kontra l-intimati.

15. Skond ma johrog mill-provi, jirrizulta li l-garaxx li jinsab that ir-residenza tar-rikorrenti huwa *open space* u fih hemm ghaxar *car spaces*. Illi z-zewgt intimati sahqu li l-glieda sehhet il-boghod min fejn kienu jinsabu l-vetturi tar-rikorrenti u li l-intimat Cardona beda jigri lejn il-grada, li tinsab in-naha l-ohra tal-garaxx waqt il-glieda. Meta gew mistoqsija kemm kien hem vetturi fil-garaxx in kwistjoni meta sehhet il-glieda, l-intimat Cardona qal li "*jekk mhux sejjer zball hames karozzi. Tnejn tas-Sur Cassar, wahda tieghi, wahda tal-intimat Sammut u l-ohra tal-appartament numru erbgha Ray Mifsud, jista pero jkun il-kas li kien hemm aktar*" (fol. 58). Dan il-fatt gie kkonfermat mill-intimat Sammut. L-uniku punt li ma qabilx mieghu l-intimat Sammut kienet il-kwistjoni tac-cinturin tac-comb. Huwa nnega li kien waddab dan ic-cinturin lill-intimat l-iehor Cardona. Dwar dan, it-Tribunal jistqarr li hija aktar verosimili x-xhieda ta' l-intimat Cardona f'dan ir-rigward anke l-ghaliex il-verzjoni ta' Cardona f'dan ir-rigward baqghet l-istess meta nvestigaw il-kaz il-pulizija. Li ma jsemmux l-intimati pero huwa li din il-glieda ma damitx ftit sekondi kif donnhom jippruvaw jaghtu l-impressjoni l-intimati izda jidher li hadet zmien mhux hazin. Qed jinghad hekk l-ghaliex wara li nizlu mill-vettura ta' l-intimat Cardona huma gew fl-idejn. Jirrizulta ukoll li l-intimat Sammut beda jwaddab l-appart tad-*diving* ma' l-art bil-konsegwenza li xi ftit minnu nkisser. Ir-rikorrenti Cassar jghid li huwa sab xi ticpis tad-demm mal-hajt ta' fejn kien hemm il-vetturi tieghu kif ukoll mal-istess vetturi. Huwa wisq probabli li hekk kif Cardona weggha rasu, tant li kellu jaghmel xi punti, huwa mar jistahba wara l-vetturi tar-rikorrenti sabiex l-affarijiet tad-*diving* li kien qieghed jitfa l-intimat Sammut ma jolqtuhx u fil-process, capass il-hajt u l-vetturi bid-demm tieghu. Sussegwentement, gie f'idejn l-intimat Sammut ic-cinturin

tac-comb li jintuza fl-ghads u kien hawn l-intimat Cardona qallu li jekk jolqtu kien ser joqtlu u hija l-fehma tat-Tribunal li kien f'dan l-istadju li l-intimat Cardona harab mill-garaxx. L-intimat Sammut ma laqtux ghal ftit tant li skond ma qal l-istess Cardona dan ic-cinturin itghaqqad mal-grada. Wara telgha fl-appartament tieghu u martu cemplet lill-pulizija u lill-ambulanza. Apparti dan, kieku verament l-intimati ma kienux fejn il-vetturi tar-rikorrenti Cassar waqt il-glieda, x'kien l-iskop li huma jofrulu sabiex jirrangaw l-hsarat a spejjez taghhom. L-intimat Cardona jipprova jghid li huwa kien offra li jaghmel hekk *senza interesse* u peress li r-rikorrenti huwa gar tieghu, pero t-Tribunal ma huwiex konvint minn din l-ispjega. Mehud kollox in konsiderazzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw li kawza ta' din il-glieda, l-vetturi tar-rikorrenti Cassar garbu hsara. Ghar-rigward tar-responsabbilita pero, t-Tribunal huwa tal-fehma li ghal hsarat riskontrati fil-vetturi tar-rikorrenti Cassar ghandu jwiegeb biss l-intimat Sammut l-ghaliex jidher li f'dan l-incident l-intimat Cardona kien il-vittma tant li lanqas proceduri kriminali ma kienu ttiehdu kontrih.

16. Ghar-rigward tal-ammonti mitluba ghall-hsarat maghmula fuq il-vetturi proprjeta tar-rikorrenti Cassar, it-Tribunal huwa sodisfatt kemm bix-xhiedata' David Mifsud kif ukoll bid-dokumentazzjoni migjuba. Oltre dan, hadd mill-intimati ma kkontesta dawn l-ammonti.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal:

i) Qieghed jichad l-eccezzjoni tal-intimat Cardona dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu rationae materiae;
ii) Qieghed jilqa t-tieni eccezzjoni tal-intimat Cardona u konsegwentement qieghed jichad it-Talba tar-rikorrenti fil-konfront tieghu;

iii) Qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat Michael Sammut in vista ta' dak li inghad hawn fuq u

iv) Qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti; u

v) Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat Michael Sammut ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf hames mija sebgha u sittin euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro [€1567.52c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-25 ta' Frar, 2013, data ta' l-ittra ufficjali imsemmija fit-Talba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, huma kollha a karigu tal-intimat Michael Sammut.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**